MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 149/2011

**Lombard Bank plc (C1607)**

**Vs**

**Audrey Anne Triganza (ID 40170M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Audrey Anne Triganza, wara li ppremettiet illi l-Bank intimat ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet fuq premessi kontra l-esponenti.

Illi in effetti gew milquta diversi kontijiet bankarji permezz tal-Mandat fejn gew depositati taht l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti ammonti kollox kif jidher mill-anness Dok A.

Illi l-Mandat imsemmi inhareg ukoll fuq is-salarju mill-impjieg taghha mal-GO plc.

Illi d-dhul ‘gross’ tal-esponenti u cioe’ qabel ma jitnaqqsilha kontribuzzjonijiet u taxxa jammonta ghal circa €16,232 fis-sena, u wara it-tnaqqis imsemmi ta’ €650 taxxa, u €3091 kontribuzzjonijiet, il-bilanc huwa ta’ circa €12,491 fis-sena jew xi €1041 fix-xahar. Dan kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Illi l-esponenti hija’ single mother’ b’iben minuri ta’ disa’ snin li jismu Miguel.

Illi l-ispejjes tal-ghixien normali tal-esponenti u biha, u cioe’ ikel, ilbies, dawl u ilma, telefon u transport huwa in eccess ta’ €850 fix-xahar.

Illi in oltre l-esponenti trid thallas mal-€170 fix-xahar fi spejjes konnessi mal-edukazzjoni ta’ binha minuri.

Illi huwa car ghalhekk li l-esponenti ghandha bzonn tippercepixxi s-salarju shih taghha ghal manteniment taghha u tal-imsemmi binha.

Talbet umilment li bl-applikazzjoni tal-artikolu 382(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili, tiddikjara li l-effetti tal-Mandat fuq imsemmi m’ghandu jestendi fuq l-ebda parti tas-salarju tal-esponenti u in kwantu li huwa kollu bzonnjuz ghall-manutensjoni tal-esponenti u ta’ binha minuri, u dan wara li taghti ukoll dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 3 u fol 4 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fis-27 ta’ April 2011 mill-Qorti, kif diversament presjeduta.

Rat il-mandat in esami a fol 7 et seq ibid flimkien mad-dokumenti annessi mieghu.

Rat ir-risposta tal-Bank intimat (fol 23 u fol 24 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi l-bank espenenti jopponi t-talba tas-sekwestrata sabiex jitnehhew l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 934/11 minn fuq is-salarju taghha, u dana ghar-ragunijiet segwenti:

**Fl-ewwel lok** jigi rilavat li l-kalkoli maghmula minn Audrey Anne Triganza fir-Rikors taghha rigwardanti d-dhul mill-impjieg huma zbaljati.

A differenza minn dak dikjarat fir-Rikors tas-sekwestrata, kif jirrizulta mid-Dokument 'B' ezebit minnha, d-dhul nett taghha mis-salarju ghas-sentenza 2010 kien ta' €14,037.00 u mhux €12,491.00.

Infatti, fil-kalkoli taghha, is-sekwestrata bi zball naqqset ukoll l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjeta' mhallsa mill-*employer* taghha, u mhux minnha.

**Fit-tieni lok**, is-salarju tas-sekwestrata ghas-sena 2011 naturalment zdied almenu bl-ammont taz-zieda ghall-gholi tal-hajja u wkoll skond il-'Collective Agreement' bejn l-impjegati tal-kumpanija Go plc u l-istess Go plc.

**Fit-tielet lok,** la darba Audrey Anne Triganza qed tistqarr li hi *single mother*, zgur li tircievi wkoll ic-*Childen's Allowance* dhul li hi naqset li ssemmi.

Prezumibilment ukoll, il-missier naturali ta' binha jikkontribwixxi ghal mantiment u spejjez ohra ta' ibnu.

**Fir-raba' lok**, a rigward l-allegazzjoni tas-sekwestrata li permezz tal-mandat ta' Sekwestru gew milquta diversi kontijiet bankarji taghha, jinghad li din hi allegazzjoni gratuwita.

Sal-lum il-Bank esponenti gie notifikat biss bic-Cedola ta' Depozitu humru 772./11 maghmula mill-Bank of Valletta plc.

B'dik ic-Cedola gie depozitata fir-registru tal-Qorti s-somma ta' €2,726.23, liema ammont ma huwiex sufficjenti

sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu tal-Bank esponenti fil-konfront tas-sekwestrata.

Di piu', f'dik ic-Cedola hemm specifikat li d-depozitu tal-Bank of Valletta sar ukoll in segwitu ghal Mandat ta' Sekwestru mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Novembru 2005, Numru 1822/2005, fl-ismijiet 'Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Audrey Anne Triganza et'.

Jigi osservat ukoll illi l-Mandat ta' Sewkestru 934/11 inhareg fil-5 ta' April 2011, sa llum skada t-terminu perentorju stabbilit fl-Artikolu 376(2) (e) tal-Kap 12, u l-Bank ma gie notifikat b'ebda depozitu iehor li seta' sar fir-Registru tal-Qorti.

**Fil-Hames lok** jigi osservat illi a rigward l-ispejjez li allegatament is-sekwestrata Audrey Anne Triganza tonfoq ta' kull xahar ghal dawl u ilma, telephone, transport u spejjez in konnessjoni mal-edukazzjoni ta' binha minuri, li skond hi jeccedu l-€1,000 fix-xahar, ma giet prezentata ebda ricevuta gustifikattiva.

Fid-dawl ta' dak kollu premess il-Bank esponenti jopponi t-talba maghmula mis-sekwestrata Audrey Anne Triganza bir-Rikors taghha tas-26 ta' April 2011, u jissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru Numru 934/11 ghandu jibqa fis-sehh ghal dak l-ammont mis-salarju taghha ta' kull xahar li jeccedi s-somma ta' €698.81, bil-mod kif mahsub fl-Artikolu 382(1) tal-Kap 12.

Tant ghas-savju superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet l-iehor moghti fil-5 ta' Mejju 2011 a fol 25 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kas specjalment <u>in-nota guramentata</u> a fol 28 ibid u d-dokumenti annessi maghha a fol 29 sa fol 35 ibid.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Mejju 2007 (fol 12 u fol 13 tal-istess atti) ir-rikorrenti kienet giet ikkundananta li thallas lill-Bank intimat is-somma ta' Lm4,791.02,0, liema sentenza hi finali. In esekuzzjoni taghha, l-istess Bank ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru in esami (fol 7 et seq ibid) u bhala konsegwenza ta' dan, wiehed mis-sekwestratarji, 'Bank of Valletta p.l.c.' (ara fol 3 ibid) kien iddeposita, fl-atti ta' dan il-mandat u ta' iehor numru 1822/2005, is-somma netta ta' Lm2,726.23 flus depositati mal-istess Bank u appartenenti lill-istess rikorrenti. Inoltre l-istess mandat gie esegwit ukoll fil-konfront tal-'employer' taghha, 'Go plc' u dan skond l-artikolu 382 (1) tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid li f'kaz ta' salarju paga et cetera, meta dawn jeccedu Lm300 ossija €698.81 fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru tal-Gustizzja jista', minn zmien ghal zmien jistabilixxi, il-Qorti tista' tordna li jigi sekwestrat l-ammont in eccess ta' din is-somma . Pero id-debitur jista' ukoll jitlob b'rikors bhal fil-kaz in esami, sabiex il-Qorti thassar 'in toto' jew ' in parte' l-istess mandat in rigward dan l-eccess, jekk jintwera a sodisfazzjoni tal-istess Qorti li d-debitur ghandu bzonn ta' dan l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew tal-familja tieghu.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti hi 'single mother' u filfatt ghandha tifel minuri ta' tmien snin li jattendi skola tal-Knisja skond hi, l-edukazzjoni ta' binha tinvolvi, 'outings' tal-iskola, skola fis-salf, lezzjoni ta' privat u spejjes ohra in rigward attivitajiet wara l-Iskola. Inoltre hi u binha jirrisjedu mal-genituri taghha, it-tnejn pensjonanti u hi tikkontribuwixxi ghall-ispejjes taghhom per esempju billi taghtihom l-ammont imhallas bhala 'children's allowance''. Bhala paga, hi tippercepixxi, skond id-dokument a fol 4, €16,232.366 fis-sena, minn, liema somma jitnaqqas il-kontribuzzjoni taghha ghas-sigurta socjali u t-taxxa fuq il-qliegh. A fol 30 hemm dokument iehor minn fejn jidher li, fix-xahar, hi tithallas nett is-somma ta' €1123.87 jew Lm482.47,7.

Ikkunsidrat

Illi rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni il-Qorti trid tara fuq naha wahda id-dritt tal-Bank intimat li jithallas dak dovut lilu skond is-sentenza citata u minn naha l-ohra li r-rikorrenti jkollha disponibbli fix-xahar parti mill-paga taghha u ta' binha. Hi di gja ghandha parti ossija €698.81 il-paga taghha protetta mill-artikolu citat. Avolja il-Qorti tara li ma tantx ghandha spazju li fih tista' timmanuvra, jidher li, effettivament hemm il-htiega, fil-kaz in desamina, li zzid xi ftit, l-ammont disponibbli ghaliha ghall-ammont ta' €748 fix-xahar. Konsegwentement, it-talba kif maghmula, mhix ser tigi akkolta izda jigi mizjud l-ammont tal-paga protetta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba kif maghmula izda tordna li l-ammont disponibbli lir-rikorrenti mill-paga taghha jigi estiz ghal €748 fix-xahar.

In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati dak taghha fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tal-kaz kif fuq esposti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------